# KUMITAT AMMINISTRATTIV BUBAQRA
## Kunsill Lokali Żurrieq -

# MINUTI
# LAQGĦA ANNWALI

20 ta' Diċembru, 2017

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra tella' l-Laqgħa Annwali fis-Sala tal-Kappella ta' Santa Marija f'Bubaqra, fis-19:00 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri, il-membri Joseph D'Amato, Marilyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

Uffiiċċjal preżenti - Josianne Cilia Mumford Segretarju Eżekuttiv.

Kienu preżenti żewġ persuni.

## MINUTI

### 1. Introduzzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv introduċiet lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv .

Iċ-Chairperson irringrazzja lil dawk preżenti u wara li qara r-rapport amministrattiv għas-sena 201, talab lill-persuni preżenti biex jekk għandhom xi suġġerimenti u l-ilmenti jistgħu jressquhom.

Dawn ir-residenti ma kellhomx ilmenti u suġġerimenti x'jagħddu u faħħru l-ħidma tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra

**Kumitat Amministrattiv Bubaqra**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li hu kompost minn ħames membri - Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Sciberras, u l-Membri Joseph D'Amato, Marilyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

Il-Membri flimkien ma' l-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill kienu:

Ic-Chairperson Pierre Farrugia : Proġetti Kapitali

Il-Viċi Chairpeson Maria Schembri: Attivitajiet

Il-Membru Joseph D'Amato : Manutenzjoni tat-Toroq u Bankini

Il-Membru Marilyn Sammut - Żgħażagħ

Il-Membru Kevin Sam Farrugia – Ambjent

**Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra**

Inżammu 12 –il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra fis-sena 2017, li l-attendenza għalihom kienet:

| Isem | Prezenti | Skuzat |
|---|---|---|
| Pierre Farrugia | 11 | 1 |
| Maria Schembri | 9 | 3 |
| Joseph D'Amato | 11 | 1 |
| Marilyn Sammut | 12 | 0 |
| Kevin Sam Farrugia | 10 | 2 |

**Hidma tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra**

1. Sar il-patching fit-toroq kollha taż-żona.
2. Saru bankini ġodda jew li kellhom bżonn jinbidlu.
3. Refresh tas-sinjali u tabelli tat-traffiku.
4. Ħa ħsieb li s-sistema tat-tindif ta' knis mit-toroq tibqa kull nhar ta' Ġimgħa u Sibt..
5. Tisqija tal-pjanti u siġar li hemm fiż-żona ta' Bubaqra.
6. Qtugħ ta' ħaxix mit-toroq mhux urbani.
7. Żdiedu lampi ġodda kull fejn kien meħtieġ.
8. Tqassmet kartolina tal-Milied iffirmata mill-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv.
9. Il-Kumitat Amministrattiv għal din is-sena reġgħa ħaseb biex jixgħel id-dawl tal-Milied fl-akwata tal-Knisja.
10. Għal din is-sena minflok sar ir-riċeviment għat-tfal ta' Bubaqra, saret ħarġa fis-cinema tal-Fgura, fejn kien hemm konkorrenza kbira.
11. Tħaddmet is-sistema ta' Eco Wardens.
12. Inbeda xogħol ta' wiċċ ġdid fi Triq Gio Batta Riccio.
13. Fi Triq Fra Gan Marie Zammit sar railing madwar il-playing field; special need bay, 4 siġriet, dog bin u stoppers għall-vetturi, biex jikkumplimenta l-proġett.

14. Saret zebra crossing bil-bellishia light fi Vjal l-Indipendenza.

15. Saret barrier ġdida fi Triq ir-Rettur.

16. Ġie approvat li ssir il-magna li tissuplixxi l-elettriku lill-vetturi li jaħdmu bl-elettriku fi Triq Fra Gan Marie Zammit u insista biex din titwaħħal fl-iqsar żmien.

17. Saru konsultazzjonijiet mal-perit sabiex il-bankini fi Vjal l-Indipendenza u Triq in-Nigret jitwessgu u jkunu aċċessibli għall-persuni li jużaw il-wheelchair.

Din il-laqgħa ġiet fi tmiema b'dan l-item fit-19.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 29 ta' Diċembru, 2017

IFFIRMAT

Pierre Farrugia
**Chairperson**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**